31998R2831

29.12.1998 *IL-ĠURNAL UFFIĊJALI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ* L 351/25

# IR-REGOLAMENT TAL-KUMMISSJONI (KE) Nru 2831/98

## tat-22 ta' Diċembru 1998

## li jemenda r-Regolament (KE) Nru 1503/96 dwar ir-regoli dettaljati għall-applikazzjoni Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 3072/95 dwar id-dazji ta' importazzjoni fuq ir-ross

IL-KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ,

Wara li kkunsidrat it-Trattat li jistabbilixxi il-Komunitajiet Ewropej,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 3072/95 tat-22 ta' Diċembru 1995 fuq l-organizzazzjoni komuni tas-suq tar-ross ([1]), kif l-aħħar emendat bir-Regolament (KE) Nru 2072/98 ([2]), u b'mod partikolari l-Artikolu 11(4) tiegħu,

Billi l-perjodu ta' prova għas-sistema kumulattiva ta' rkuprar (CRS) biex jiġu stabiliti id-dazji sħaħ ta' importazzjoni fuq ross bil-ħliefa li jaqa' taħt il-kodiċi NM 1006 20 imwaqqaf bir-Regolament tal-Kummissjoni (KEE) Nru 703/97 ([3]), kif l-aħħar emendat bir-Regolament (KE) Nru 1470/98 ([4]), jagħlaq fil-31 ta' Diċembru 1998; billi l-evalwazzjoni tas-sistema esegwita skond l-Artikolu 10(4) tar-Regolament (KE) Nru 703/97 tissuġġerixxi li m'għandux jiġi estiż 'l hinn minn dik id-data;

Billi, meta jiġi biex ikun iffissat il-prezz rappreżentattiv tar-ross Indika bil-ħliefa fis-suq ta' l-Istati Uniti, il-kondizzjonijiet ekonomiċi kurrenti jiġġustifikaw żieda fil-prezzijiet irrikordjati għall-kwalitajiet ta' referenza elenkati fl-Anness li jinsab mar-Regolament tal-Kummissjoni (KEE) Nru 1503/96 ([5]), kif l-aħħar emendat bir-Regolament (KE) No 1403/97 ([6]); billi din iż-żieda tista' tiġi stmata f'kull żmien mill-Kummissjoni; billi dak ir-Regolament għandu għalhekk jiġi emendat;

Billi l-Kumitat ta' Ġestjoni għaċ-Ċereali ma tax opinjoni fil-limitu ta' żmien iffissat mill-President,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

*Artikolu 1*

L-Anness I li jinsab mar-Regolament (KE) Nru 1503/96 huwa mibdul bl-Anness li jinsab ma' dan ir-Regolament.

*Artikolu 2*

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fit-tielet jum li jiġi wara l-pubblikazzjoni tiegħu fil-*Ġurnal Uffiċjali tal-Komunitajiet Ewropej*.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussel, fit-22 ta' Diċembru 1998.

*Għall-Kummissjoni*

Franz FISCHLER

*Membru tal-Kummissjoni*

---

([1]) ĠU L 329, tat-30.12.1995, p. 18.
([2]) ĠU L 265, tat-30.9.1998, p. 4.
([3]) ĠU L 104, tat-22.4.1997, p. 12.
([4]) ĠU L 194, ta' l-10.7.1998, p. 5.
([5]) ĠU L 189, tat-30.7.1996, p. 71.
([6]) ĠU L 194, tat-23.7.1997, p. 2.

*ANNESS*

*"ANNESS I*

| | Ross Indika | | Ross Japonica | |
|---|---|---|---|---|
| | Bil-qoxra | Midhun | Bil-qoxra | Midhun |
| Kodifika CN | 10062017<br>10062098 | 10063027<br>10063048<br>10063067<br>10063098 | 1006 20 barra minn<br>1006 20 17<br>1006 20 98 | 1006 30 barra minn<br>1006 30 27<br>1006 30 48<br>1006 30 67<br>1006 30 98 |
| Kwalitàta' referenza | Ross tawwali US 2/4/73 (2)<br>Ross tawwali US imsaħħan 1/4/88 (2) | Thai 100 % B | US Gulf medium grain (3) | |
| Oriġini | USA | Tajlandja | USA | USA |
| Stage (1) | cif loose<br>ARAG | cif loose<br>ARAG | cif loose<br>ARAG | cif loose<br>ARAG |

(1) Cif ARAG: kwotazzjoni għall-portijiet fil-Baħar tat-Tramuntana (Antwerp, Rotterdam, Amsterdam, Ghent).
(2) Il-prezzijiet li jirrelataw ma' dawn iż-żewġ kwalitajiet ta' referenza huma miżjuda bi 8 %.
(3) Fin-nuqqas ta' din il-kwalità, jistgħu jintużaw kwalitajiet oħra ta' ross tat-tip japonica."